# MALTA

## ATT Nru. III ta' l-1979

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1962 dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika.**

## ACT No. III of 1979

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT further to amend the Financial Administration and Audit Act, 1962.**

Nagħti l-kunsens tiegħi.

President

19 ta' Jannar, 1979

# ATT Nru. III ta' l-1979

*ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1962 dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

**Titolu fil-qosor.**

**1.** Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1979 li jemenda l-Att dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1962 dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

**Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.**

**2.** Fl-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali, minflok it-tifsira ta' "uffiċjal ta' kontijiet" għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

" "uffiċjal ta' kontijiet" tfisser persuna li tkun tokkupa jew taġixxi fil-kariga ta' kap permanenti ta' Dipartiment tal-Gvern u tinkludi kull persuna li jkollha d-dmir li tiġbor, tirċievi jew tagħti kont ta', jew li fil-fatt tiġbor, tirċievi jew tagħti kont ta', xi flejjes pubbliċi, jew li jkollha d-dmir li tħallas, jew li fil-fatt tħallas, xi flejjes pubbliċi, u kull persuna li tkun inkarigata mid-dħul, kustodja jew tneħħija ta', jew mill-għoti ta' kont ta', ħażniet pubbliċi, jew li fil-fatt tirċievi, iżżomm jew tneħħi ħażniet pubbliċi:

Iżda meta jkun hemm fis-seħħ direttiva bil-miktub tal-Ministru li d-dmirijiet, il-funzjonijiet u r-responsabbilitajiet ta' uffiċjal ta' kontijiet speċifikati fid-direttiva għandhom ikunu vestiti esklużivament f'uffiċjal pubbliku wieħed jew iktar kif hekk jiġi speċifikat, "uffiċjal ta' kontijiet", dwar l-imsemmija

dmirijiet, funzjonijiet u responsabbilitajiet u sal-limitu speċifikat f'dik id-direttiva, tfisser u tinkludi biss l-uffiċjal pubbliku jew l-uffiċjali pubbliċi speċifikati kif intqal qabel;".

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 230 tas-17 ta' Jannar, 1979.

*Speaker*

*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

I assent.

President

19 January, 1979

## ACT No. III of 1979

*AN ACT further to amend the Financial Administration and Audit Act, 1962.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

Short title.

**1.** This Act may be cited as the Financial Administration and Audit (Amendment) Act, 1979, and shall be read and construed as one with the Financial Administration and Audit Act, 1962, hereinafter referred to as "the principal Act".

Amendment of section 2 of the principal Act.

**2.** In section 2 of the principal Act, for the definition of "accounting officer" there shall be substituted the following new definition:

" "accounting officer" means a person holding or acting in the office of permanent head of a Government Department and includes every person who is charged with the duty of collecting, receiving or accounting for, or who in fact collects, receives or accounts for, any public moneys, or who is charged with the duty of disbursing, or who does in fact disburse, any public moneys, and every person who is charged with the receipt, custody or disposal of, or the accounting for, public stores, or who in fact receives, holds or disposes of public stores:

Provided that where there is in force a direction in writing by the Minister that the duties, functions and responsibilities of an accounting officer specified in the direction shall vest exclusively in one or more public officers as is so specified,

"accounting officer", in respect of the said duties, functions and responsibilities and to the extent specified in the said direction, means and includes only the public officer or public officers specified as aforesaid;".

---

Passed by the House of Representatives at Sitting No. 230 of the 17th January, 1970.

*Speaker*

*Clerk to the House of Representatives*